MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Numru 777/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**

**vs**

**GODWIN SANT**

**Illum 21 ta' Lulju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Godwin Sant, ta' 21 sena, bin Emanuel u Maria Dolores nee` Zammit, imwieled il-Pieta, d.t.t. 10.10.1981 u joqghod 41, Triq Isouard San Pawl il-Bahar, bin-numru ta' l-Identita: 0587981(M) gie akkuzat:

1. Talli nhar id-9 ta’ Lulju, 2002 ghall-habta ta’ 23.05P.M. gewwa Hal Far limiti ta’ B’Bugia waqt li kien qieghed isuq il-karozza Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAE-553 b’manjiera traskurata u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna involontarjament ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Steve Borg, eta` ta’ 17 il-sena, liema ferita giet kkagunata f’wicc il-persuna imsemmija skond kif ccertifika t-tabib Alan Drago tal-Casualty Department ta’ l-isptar San Luqa;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament kkaguna feriti liema ferita/i hija ta’ natura hafifa fuq l-istess persuna ta’ Ian Attard, eta` ta’ 17 sena, skond kif iccertifika t-tabib Alan Drago tal-Casualty Department ta’ l-Isptar San Luqa;

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tordna l-iskwalifika tal-licenzja ta’ l-imputat ghall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. NL3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2003, il-Prosekuzzjoni irtirat it-tieni akkuza.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tal-11 ta’ Novembru, 2003 Dr. Edward Gatt ghall-imputat iddikjara li jaqbel illi l-feriti ta’ Steve Borg huma ta’ natura gravi minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni ta’ responsabbilta` u ma jinsistix ghall-produzzjoni ta’ Dr. Allan Drago M.D. li rrilaxxja Dok. NL5 li jinsab a fol. 15 tal-process.

Semghet trattazzjoni.

Illi fis-Seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2003 l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nadia Lanzon xehdet li fid-9 ta’ Lulju tas-sena 2002 u dan ghall-habta tal-11.15 p.m. il-Pulizija ta’ l-

Ghassa ta’ B’Bugia gew infurmati li kien hemm zghazugh li kien imwegga’ gravi wara li kien ittajjar minn karozza gewwa Hal Far limiti ta’ B’Bugia. Ziedet tghid li l-Pulizija kienet mill-ewwel marret fuq il-post u hemmhekk sabet zghazugh mitluq ma’ l-art. Waslet l-ambulanza fuq il-post u hadet lill-persuna l-isptar. Mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija rrizulta li l-vittma kien certu Steve Borg detentur tal-karta ta’ l-identita` nru. 29285(M) bl-eta` ta’ 17-il sena. Meta l-Pulizija marret fuq il-post, il-vettura li kienet tajret lil dan Steve Borg ma kinitx fuq il-post. Skond in-nies li kienu prezenti, dan li tajjar lil Steve Borg baqa’ sejjer. Ziedet tghid ukoll li meta sar dan l-incident kien hemm grupp ta’ nies prezenti, dan stante li fiz-zona jsiru t-tlielaq tal-karozzi allura jitilghu numru ta’ nies fuq il-post. Il-Pulizija ghamlet mistoqsijiet lil nies li kienu prezenti fuq il-post pero` hadd ma kien f’pozizzjoni li jaghti deskrizzjoni dwar il-vettura in kwistjoni li tajret lil Steve Borg u anzi ipprecizat li dawn in-nies ma tawx informazzjoni. Aktar tard dak il-lejl il-Pulizija ta’ l-Ghassa ta’ B’Bugia rceviet telefonata anonima fejn din il-persuna nfurmat lill-Pulizija li l-vettura kienet Ford Escort ta’ lewn iswed bin-numru tar-registrazzjoi IAE-553, cioe` li din kienet il-vettura li kienet tajret lil dan Steve Borg. Qalet ukoll li ghamlu l-investigazzjonijiet necessarji u rrizultalhom li din il-karozza kienet registrata fuq l-isem ta’ Robert Sant li joqghod 41 Isouard Street, St. Paul’s Bay. Ghalhekk il-Pulizija ta’ B’Bugia immedjatament ikkuntattjat lill-Pulizija tal-Qawra biex dawn jelevaw lill-persuna msemmija flimkien mal-vettura tieghu halli jkun jista’ jigi interrogat. Iktar tard il-Pulizija ta’ B’Bugia giet infurmata li tali persuna giet rintraccjta u cioe` Robert Sant. Irrizulta wkoll li fil-hin li sar l-incident il-karozza ma kinitx qed tigi misjuqa minn Robert Sant imma minn huh izghar minnu jismu Godwin Sant. Din l-informazzjoni ghaddiha lill-Pulizija l-istess Robert Sant. Sussegwentement Godwin Sant kien imsejjah l-Ghassa tal-Qawra u dana gie bil-vettura nvoluta fl-incident u mill-ewwel ammetta li hu kien involut f’dan l-incident, liema incident kien sehh gewwa Hal Far. Peress li dan kien tard bil-lejl, il-karozza giet imhollija hdejn l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra u nghataw struzzjonijiet biex Godwin Sant ‘l ghada filghodu jinzel l-Ghassa ta’ B’Bugia. ‘L ghada filghodu Godwin Sant, li l-istess Spettur Lanzon

iddikjarat li taghraf bhala l-imputat prezenti fl-Awla, mar l-Ghassa ta’ B’Bugia. L-Ispettur Lanzon kellmet lill-imputat u maghha bhala xhud kellha lil PS 808 Nazzareno Sammut, u wara li infurmatu dwar il-kaz li kienu qed jinvestigaw hija tatu t-Twissija skond il-Ligi u hu accetta li jirrilaxxja Stqarrija. Din l-Istqarrija Godwin Sant ammetta li kien hu li kien qed isuq il-vettura Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAE-553 ta’ kulur iswed gewwa Hal Far fid-data tad-9 ta’ Lulju, 2002 ghall-habta tal-11.00 p.m. Godwin Sant zied jghid li dak il-hin kellu mieghu riekeb lil certu Stephen minn St. Venera pero` ma setax jaghtihom aktar informazzjoni dwar din il-persuna. Hu zied jghidilhom li hu kien ghaddej minn Hal Far fi triqtu lejn Hal Luqa u kif ghaddej f’Hal Far kien hemm zewg vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta u ghal hin qasir hu spicca blinded u ghalhekk ma setax jara u ghalhekk ma nnutax lill-vittma jaqsam quddiemu u tajru. Zied jghid li hekk kif gara l-incident hu kien waqaf biex jara x’kien gara, qal ukoll li hu kien nizel u kellem lill-vittma fis-sens li staqsih kienx imwegga’ u fejn kien joqghod. Godwin Sant zied jghid li wara pero` peress li kienu ngabru hafna nies u peress li dawn bdew iwissuh li ahjar jitlaq ghax ha jidhol fit-trouble hu kien imbezza’ u qabad u telaq. L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nadia Lanzon esebit dan l-istatement li gie mmarkat bhala Dok. LN4 u kkonfermat li l-imputat nghata t-Twissija skond il-Ligi, li qed taghrfu prezenti fl-Awla u li fuq dan l-istatement li jikkonsisti f’zewg faccati taghraf il-firma taghha, dik ta’ PS 808 Nazzareno Sammut u wkoll ta’ l-istess imputat Godwin Sant li ghazel li jiffirma din l-Istqarrija kull fejn dawn il-firem jidhru fuq din l-Istqarrija, liema stqarrija ggib id-data ta’ l-10 ta’ Lulju, 2002. Skond l-istess Stqarrija l-imputat qal li hu kien imbezza’ u telaq minn fuq il-post. Xi ftit hin wara hu kien cempel lil huh il-kbir u kien qallu x’gara u huh tah il-parir biex imur ghand huhom l-iehor fejn huma mbaghad iltaqghu t-tlieta li huma u wara li tkellmu bejniethom ghazlu li huma jirrapurtaw lill-Pulizija dwar l-incident. Esebiet ukoll bhala Dok. NL5 certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Alan Drago minn St. Luke’s Casualty Department liema certifikat igib id-data ta’ l-10 ta’ Lulju, 2002 u liema certifikat gie esebit u mmarkat bhala Dok. NL5. In kontro-ezami l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nadia

Lanzon ikkonfermat li hi familjari ma' l-area fejn sehh l-incident u li din hija main road li hija triq kemmxejn mexxejja u ma hemmx bini, li taf li hemm xi fabbriki u li skond investigazzjonijiet taghhom l-incident sehh fid-dlam bil-lejl fis-sens li kien dalam. Ikkonfermat ukoll li ma hemmx dwal tal-Gvern f'din it-triq. Fuq mistoqsija mill-avukat difensur jekk tikkonfermax li l-vittma kellu mieghu tfajla meta hu kien qed jaqsam, irrispondiet illi iva kien hemm tfajla u kkonfermat ukoll li t-tfajla kienet lehqet qasmet u ma kien gralha xejn. Fuq mistoqsija mill-avukat difensur jekk mill-investigazzjonijiet li ghamlet irrizultalhiex illi l-persuna li sfat vittma ta' dan l-incident stradali kienx ittitubaha biex hu jaqsam u ghalhekk ma kienx qasam mill-ewwel flimkien ma' din it-tfajla li kien hemm, hija rrispondiet li ma teskludix dn u meta wzat il-frazi illi l-imputat kien gie blinded, dan riedet tghid li kien hemm skond dak li qalilhom l-imputat kien hemm dawl minn xi vettura li din allura ghal dak il-hin gabitu f'pozizzjoni li kien blinded dwar il-vizjoni tieghu. Ghalhekk hija personalment il-karozza Ford Escort registration number IAE-553 hi personalment ma kenitx ratha, mill-informazzjoni li ghandha din il-karozza kellha xi marki fuqha. Fuq mistoqsija ohra mill-avukat difensur jekk effettivament wara l-incident xi nies qalux lill-imputat biex hu jitlaq minn hemm ghax ahjar jitlaq peress li seta' jigi ghalih missier il-vittma, hi rrispondiet li ma teskludix li l-imputat qalilha hekk pero` din mhix imnizzla fl-istatement tieghu.

Fl-istess Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2002 is-Surgent PS 853 Frank Sciberras xehed li fid-9 ta' Lulju 2002 hu kien night watch duty fl-Ghassa ta' B'Bugia u ghall-habta tal-11.15 p.m. hu gie infurmat li kien hemm accident gewwa l-ex-runway f'Hal Far limiti ta' B'Bugia. Huwa mar flimkien ma' PC 1091 Kenneth Camilleri fuq il-post fejn fuq il-post sabu lill-vittma Steve Borg li kien ghadu ma' l-art mugugh sakemm giet l-ambulanza. Dak il-hin hu ma kellimhomx ghax kien mugugh. Ippruvaw jaghmlu xi enquiries ma' nies pero` hadd ma qalilhom xejn. U wara li dan Steve Borg ittiehed bl-ambulanza huma nizlu l-Ghassa. Zied jghid li ftit wara rcevew telefonata anonima fejn gew infurmati li l-karozza involuta f'dan l-incidnet kienet tat-tip Ford Escort registration number IAE-553 u wara li huma

ghamlu verifiki mir-records taghhom irrizultalhom li l-karozza kienet tghajjat lil Robert Sant li residenti 41 Isouard Street St. Paul's Bay. Huma infurmaw b'dan mill-ewwel lill-Pulizija tad-distrett tal-Qawra. Ghaddewlhom informazzjoni necessarja biex huma jikkuntattjawhoim lura. Ftit wara l-Pulizija tal-Qawra kkuntattjawhom lura u qalulhom li dan Robert Sant flimkien ma' huh Godwin Sant kienu marru l-Ghassa tal-Qawra jaghmlu rapport. Inzammitilhom il-karozza li kellha hsara fil-windscreen ta' quddiem u l-istess PS 853 Frank Sciberras qal li huma kellhom ftehim mal-pulizija tal-Qawra li din il-karozza kellha titnizzel bil-low loader l-Ghassa ta' B'Bugia. Imbaghad 'l ghada filghodu din il-karozza kienet tnizzlet. Huwa qal li jaf dan ghalkemm dak inhar hu ma kienx duty. Din il-karozza hu ma rahiex personalment. Huwa esebixxa l-Okkorrenza tal-Pulizija li giet esebita bhala Dok. FS1. Huwa kien mar l-isptar pero` lil Steve Borg ma tkellimx mieghu u dan ghaliex hu kien f'kundizzjoni gravi u ma setghax jitkellem mieghu. In kontro-ezami huwa qal li meta mar fuq il-post fid-data ta' l-incident l-akkuzat ma kienx qieghed prezenti. Lilu, lill-akkuzat qatt ma kien kellmu. Jaf li hu kien mar 'l ghada filghodu pero` hu kien diga` spicca mid-duty tieghu. Huwa ppreciza li in kwantu ghall-Okkorrenza li esebixxa bhala Dok. FS1, huwa ghamel l-…… ta' l-Okkorrenza pero` hu ma kienx prezenti ghal kull avveniment li hemm imnizzel gewwa din l-istqarrija. B'referenza ghall-Okkorrenza li huwa esebixxa bhala Dok. FS1 u senjatament ghat-tieni faccata fejn hemm indikat il-kliem 'car number AIE-553' u tahtha hemm il-kliem li jghid 'Borg stated that he was driving car along the ex-runway of Hal Far and he was blinded by the bright of two vehicles which were coming from the opposite direction', ix-xhud qal li hawnhekk il-kelma Borg suppost kellha tkun il-kelma Sant. In kwantu ghas-sentenza li hemm wara din li ghadu kif semma, din ukoll kienet dak li kien qal Sant. Ix-xhud ippreciza li in kwantu ghal dan li irreferixxa f'din il-parti ta' din l-Okkorrenza dan id-diskors ma sarx fil-prezenza tieghu imma dan intqal lill-Ispettur Nadia Lanzon u huwa li ghamel hu li ttraskriva din l-Okkorrenza.

Fis-Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003 PC 1091 Kenneth Camilleri xheed li fid-9 ta' Lulju, 2002 ghall-habta ta' xil-11.15 p.m. kien stazzjonat night duty gewwa l-Ghassa ta' B'Bugia. Mieghu kien hemm ukoll PS 853 Frank Sciberras. Dahlitilhom informazzjoni li persuna kienet tinsab imwegga' gewwa Triq f'Hal Far limiti ta' B'Bugia. Hu, flimkien ma' l-istess Surgent, mar fuq il-post u sabu persuna ma' l-art tas-sess maskil. Din il-persuna kellha xi demm hiereg minn rasha u kien mugugh fl-art. Huma stennew l-ambulanza. Ma rnexxielhomx ikellmuh ghax dan kien mugugh. Qal li giet l-ambulanza u din il-persuna ttiehdet l-isptar. Min-nies li kien hemm prezenti bhala informazzjoni siewja ma kellhom xejn. Huma rritornaw l-Ghassa. Huwa ppreciza li effettivament hu ma telaqx imbaghad lura lejn l-Ghassa ta' B'Bugia, kien PS 853 li nizel l-Ghassa u hu baqa' fuq il-post u baqa' hemmhekk anke wara li kienet telaqt l-ambulanza.

Fis-Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003 xehed Steve Borg fejn qal illi fid-9 ta' Lulju, 2002 hu kien involut f'incident Hal Far. Huwa kien tela' hemmhekk mal-habiba tieghu li jisimha Josinne Vella. Hu kien qed jara l-karozzi liema karozzi kienu qeghdin isuqu telghin u nezlin u xi l-10.30 p.m. gie biex imur lura d-dar. Gie biex jaqsam. Hares 'il fuq u 'l isfel u ma rax karozzi. Ghamel zewg passi u mbaghad ma jafx x'gara. Qal li fejn huwa gie biex jaqsam kien hemm dlam cappa. Li kien jidher dawl naqra zghir min-naha tal-fabbrika u dan kien dawl ta' bozz fil-fabbrika li kienet warajh. Huwa qal u kkonferma li hu fejn kien qed jaqsam kien il-post fejn qabel kienu telghin u nezlin dawn il-karozzi u li kienet l-ewwel darba li tela' hemmhekk fil-ghaxija. Hu qal li min-nies li kienu qed isuqu karozzi dak il-lejl ma kien jaf lil hadd. Huwa kien ghadu fuq il-post meta rega' gie f'sensih u innota li kien qieghed ma' l-art. Sab nies madwaru u kien hemm habib tieghu jismu George minn B'Kara li mar fuqu mill-ewwel. Dan neza' l-flokk u qallu biex hu jibqa' ma' l-art u ma jiccaqlaqx. Ix-xhud innota li huwa kellu bicca laham imdendla fuq in-naha ta' fuq l-ghajn tal-lemin imdendla li dan dahhalha f'postha hu stess. Jiftakar ukoll li mbaghad gew erbgha minn nies b'kaxxa biex jippruvaw idewwuh u ftit wara giet l-ambulanza. Bhala griehi huwa spicca li kellu punti

f'wiccu u f'rasu u punti wkoll go spalltu u dan fin-naha ta' l-ispalla tal-lemin. Kellu wkoll punti f'saqajh tal-lemin. Kellu jaghmel erba' operazzjonijiet u kellu wkoll l-ghadma ta' rkubbtejh imxaqqa li din tirrigwarda l-irkoppa tal-lemin. Imbaghad kellu griehi zghar li kienu mad-dawra ta' gismu kollu. Dan il-habib tieghu li jismu George lilu qallu li kienu tajruh u ma jaf xejn izjed. Huwa qal li lill-imputat, li gharaf prezenti fl-Awla bhala Godwin, sar jafu wara dan l-incident. Ix-xhud kien wasal l-isptar wara l-incident u ghamel gurnata u mbaghad kienet cemplet omm l-imputat l-isptar u qalet lil omm ix-xhud biex l-imputat imur jarah. Huwa accetta u l-imputat mar jarah u baqa' jmur kuljum jarah l-isptar u li wera rispett lejh. Lix-xhud l-imputat kien qallu li kien tajru hu. Ix-xhud u l-imputat tkellmu dwar l-incident u l-imputat qallu li hu ma kienx rah u mbaghad rah f'daqqa wahda. X'hin intlaqat ix-xhud qal li ma ra xejn u lanqas sema' xi hsejjes. Huwa dam biex jimxi fuq siequ tal-lemin, u allura kien bilfors irid jimxi bil-krozzi, ghal tliet xhur minn wara l-incident. Wara l-krozzi kien juzahom ftit. Mad-daqqa huwa gie ma' l-art u li mill-punt fejn huwa ntlaqat sal-punt fejn huwa spicca ma' l-art jikkonsidra li kien hemm tul qisu ta' l-awla. Mistoqsi mill-l-Ufficjal Prosekutur jekk meta huwa gie milqut mill-karozza kienx innota l-karrozza li kienet laqtitu, huwa wiegeb li le. In kontro-ezami Steve Borg xehed li t-triq fejn sehh l-incident hija triq dritta xemgha. Huwa kkonferma li kienu qed jaqsmu t-triq huwa u t-tfajla u li meta kien ser jaqsmu kienu ha jaqsmu hu u t-tfajla u hu kien qabel it-tfajla. It-tfajla kienet qieghda warajh fuq in-naha tax-xellug u cioe` ta' spalltu x-xellugija. It-tfajla ma qasmitx u baqghet fuq il-post. Huwa kien hares fit-triq qabel qasam fuq iz-zewg nahat tat-triq. Fuq mistoqsija ta' l-avukat difensur kif jista' jispjega allura jekk hu kif jghid li hares zewg nahat tat-triq u jikkonfrma li t-triq hija dritta xemgha kif hu allura ma ndunax bil-karozza gejja li eventwalment laqtitu, hu qal li huw akif gie biex jaqsam hares 'il fuq lejn in-naha tal-lemin, cert li ma ra ebda karozza gejja, hares ukoll imbaghad fuq in-naha tax-xellug u kif ra li ma kienux gejjin karozzi hareg. Huwa kkonferma li l-karozza li tajritu litteralment ma rahiex u qal li din it-tfajla Josianne Vella hu kien staqsiha kif sehh l-incident u jekk kinitx rat il-karozza li tajritu u hi kienet irrispondietu li din il-karozza kienet

ratha. Huwa ppreciza li din it-tfajla lilu kienet qaltlu li din il-karozza ratha fil-mument li l-karozza kienet laqtet lilu. Huwa kkonferma li fil-mument li hu beda jaqsam sakemm sehh l-incident kienu ghaddew sekondi. Qal li t-tfajla lilu qaltlu li ratu joghla u qaltlu wkoll li hi rat il-karozza tolqtu u rat lilu joghla. Huwa kkonferma li wara l-incident kemm hu u kemm l-akkuzat saru hbieb u kkonferma wkoll li hu bhala interess fil-kawza kriminali ma ghandux u li ghandu interess hu fil-proceduri civili biex jithallas id-danni. Qal ukoll li hu qieghed jixhed f’din il-kawza mhux ghax irid hu imma ghax baghtet ghalih il-Pulizija. Qal illi hu kwa procedura kriminali ma ghandux interess f’din il-kawza, pero` dan jghidu bla pregudizzju ghal kull drittijiet tieghu ta’ natura civili spettanti lilu.

Fis-Seduta tal-11 ta’ Novembru, 2003 xehed ukoll PS 839 Steven Micallef li qal illi fid-9 ta’ Lulju, 2002 huwa kien qieghed duty u kien qieghed duty ta’ bil-lejl l-Ghassa tal-Qawra. Dan qal li ghall-habta tal-11.30 p.m. jew 12.00 a.m. huwa rcieva telefonata mill-Ghassa ta’ B’Bugia fejn infurmawh li kien ghadu kif gara incident gewwa Hal Far fejn persuna sfat imtajra u li kellhom suspetti ragjonevoli li l-vettura kien registration number IAE-553 tal-ghamla Ford Escort. Qal li huma u hergin, u cioe` riferibilment ghall-Pulizija biex imorru ghall-imputat innotaw li dan mar hu stess ghandhom. Hu kien ipparkjat u qallu li kien Hal Far u kellu incident fejn tajjar wiehed. Ix-xhud Surgent PS 839 staqih ghaliex kien telaq minn fuq il-post u hu qallu li kien gie mhedded minn xi nies prezenti u beza’ u li l-Ghassa l-Qawra flimkien ma’ huh. Il-vettura involuta fl-incident kienet ittiehdet quddiem l-Ghassa u din kellha l-windscreen ta’ quddiem mifqugh. Bhala kulur kienet ta’ kulur ahdar li kien qisu kulur ta’ ahdar skur jew inkella kien ta’ kulur griz skur qisu iswed. Ix-xhud ikkonferma li l-karozza bhala registration number kellha IAE-553 u kienet ta’ l-ghamla Ford Escort. Qal li meta l-imputat kien mar l-Ghassa kien mar akkumpanjat minn huh. Huwa innota li meta din il-karozza Ford ittiehdet quddiem l-Ghassa l-persuna li kienet qed issuqha kien hu l-imputat u li l-imputat kien qieghed passiggier. Mill-verifiki li ghamel ix-xhud irrizultalu li l-karozza kienet fuq Robert Sant li jigi hu l-imputat. In kontro-ezami ix-xhud qal li jaqbel li d-daqqa

kienet ta' natura frontali u li d-daqqa kienet fuq quddiem fuq in-naha tax-xibka iktar maghfua lejn in-naha ta' fejn isuq ix-xufier u li jekk mhux sejjer zball jiftakar ukoll li kien hemm xi hsarat minimi fuq is-saqaf tal-karozza. Qal li bhala quddiem ezatt ma jidhirlux li kien ra hsara. Huwa qal li fuq in-naha ta' quddiem u specifikament fuq ix-xibka ma ra ebda hsara. Hu li ra hsara kien fuq il-windscreen u qal illi meta qal b'referenza lejn in-naha tax-xufier qal li ma kellux jaghmel referenza ghax-xibka imma r-referenza kien qed jaghmilha ghall-windscreen. Qal li in kwantu ghall-hsara fuq in-naha ta' quddiem u specifikament ix-xibka jixtieq jippreciza li mhux ghax necessarjament ma rax imma ghax ma jiftakarx jekk kienx hemm hsara.

Fis-Seduta tal-14 ta' Jannar, 2004 xehdet Josianne Vella u qalet illi fid-9 ta' Lulju, 2002 hi kienet prezenti ghall-incident li sehh geww Hal Far. Dan kien bil-lejl. Hija kienet qieghda hemmhekk ma' Steve Borg. Huma kienu ser jaqsmu t-triq. Harsu 'l fuq u 'l isfel u ma rawx li kienu gejjin karozzi. Steve kien qabilha qasam u kif harset 'il fuq ratu ma' l-art. Imbaghad kien hemm xi hadd li lilha hadha tiehu kafe f'gabbana. Hija rrepetiet li hija kienet ma' Steve Borg u kienu ser jaqsmu t-triq. Hu qasam qabilha u hi mbaghad kif harset, harset fil-genb lejn in-naha tax-xellug u rat lil Steve itir wara li dan kien ghadu kif qala' daqqa ta' karozza. Il-karozza ma ftakrithiex u ma tafx min kien qed isuq din il-karozza u lanqas tiftakar il-kulur tal-karozza. Iz-zona kienet fid-dlam. Hi ma tafx jekk il-karozza li laqtet lil Steve Borg kellhiex il-fanali mixghulin u ma tarx jekk il-karozza dak il-hin waqfitx jew le ghax hi lilha qabdu u haduha minn hemmhekk. Hi marret fuq Steve wara li dan ittajjar u dan ma kellimhiex u mbaghad lilha haduha minn hemm. Il-hin li hi rat lil Steve Borg jintlaqat u jtir mill-karozza semghet il-brake tal-karozza. In kontro-ezami, fuq mistoqsija tad-difensur tal-akkuzat jekk bhala fatt fit-triq li hi u Steve Borg kienu qeghdin jaqsmu kienx hemm dawl tal-Gvern, qalet li insiet u li t-triq kienet mudlama. Mistoqsija mill-avukat difensur jekk fit-triq in kwistjoni ma kienx hemm bankini, irrispondiet li ma tafx. Hija kkoregiet ix-xhieda taghha f'dak li qalet fis-sens illi hi kienet semghet il-brake, daret lejn in-naha tax-xellug u rat lil Steve Borg itir. L-impatt tal-karozza ma' Steve Borg ma

rathiex. Originarjament kemm hi u kemm Steve Borg kienu ser jaqsmu pero` spicca biex qasam Steve pero` hi ma qasmitx. Qalet li hi u Steve Borg kienu ddecidew li jaqsmu, Steve Borg qasam pero` hi ma qasmitx ghax hi kienet indunat li gejja karozza u ghalhekk hi ma qasmitx. In ri-ezami qalet li l-karozza kienet ratha gejja min-naha tal-lemin taghha. Hi mbaghad lil Steve Borg ratu jtir meta hi harset lejn in-naha tax-xellug. Qalet li l-karozza kienet gejja min-naha tal-lemin u li bhala speed hi rat il-karozza gejja bi speed normali. Qalet li meta indunat l-ewwel darba bil-karozza fuq in-naha li kienet gejja min-naha tal-lemin, id-distanza kienet qisha tul ta' l-awla u hi ghalhekk ma qasmitx. Qalet li Steve dak il-hin li hi rat il-karozza gejja kien qieghed xi pied quddiemha. Bhala fatt lil Steve ma qaltlux biex ma jaqsamx dak il-hin. Qalet li hi dak il-hin kienet qieghda tinnota l-karozza gejja u li fil-fatt hi dak il-hin ma basritx li Steve ser jaqbad jaqsam. Hi rat lil Steve jinqata' ma' l-art u jistabat ma' l-art u li bhala ammont ta' kemm ghola Steve mill-art kien qisu qabez is-saqaf tal-karozza. Qalet li waqt li Steve kien qed joghla l-karozza ratha hdejh u ghalhekk ikkalkulat li hu qabez l-gholi tas-saqaf tal-karozza. Hi ma qaghditx taghti kaz jekk il-karozza mbaghad dak il-hin waqfitx jew le. Ix-xhud qalet li hi ssuq u hi tikkalkula li l-ispeed tal-karozza meta ratha gejja min-naha tal-lemin qlet li ghaliha kien normali u tikkalkula li kien bi speed ta' cirka 50 km/h. Qalet li hi meta giet fit-tracint li ddecidiet li ser taqsam harset kemm lejn il-lemin u kemm lejn ix-xellug. In kwantu ghal Steve qalet li ma tiftakarx jekk kemm-il darba kienx hares ukoll hu 'l fuq u 'l isfel u cioe` lejn il-lemin jew ix-xellug. Hi dak iz-zmien ma' Steve kienet hbieb u llum ghadha hbieb.

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mehuda minn sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nostran li fil-fehma tal-Qorti huma rilevanti ghal dan il-kaz:

Fil-kawza Il-Pulizija vs. George Muscat (Appell Kriminali per Onor. W. Harding, 6 ta' Mejju, 1961, Vol. XLV.IV.947 et seq) gie ritenut illi:

"Hu veru li anke l-"pedestrian" ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali, imma biex driver ta' karozza tal-mutur li jinvesti "pedestrian" u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu, jista' jiskolpa ruhu,jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament mprudenti tal-"pedestrian" li gie milqut, u ma tistghax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa tal-awtista, li tkun impeditu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vettura ma ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta' komportament tal-"pedestrians", imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza.  Hu veru li anke l-"pedestrian" ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali.  Inghad tajjeb mill-Cassazione Civile Taljana f'sentenza taghha tal-20 ta' Frar, 1957 (Ass. Americ. Cavalieri di Colombo vs Javicoli): "*Anche il pedone e` tenuto a rispettare le norme del codice stradale, e nel caso di investimento il giudice deve esaminare il comportamento, per stabilire se esso non fu causa esclusiva, o per lo meno concorrente, del sinistro ………";*

Qalet sewwa l-Cassazione Penale taljana f'sentenza taghha Pubb. Ministero vs Merlini (Archiv. Giur., 1957, p. 432) li l-konducenti ma ghandhomx jipprezumu *"una perfetta normalita di comportamento da parte dei pedoni"*, imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb *"la contingente situazione stradale"*, u ghalhekk jirregolaw il-velocita` *"con un adeguato margine di sicurezza"."*

Issir ukoll referenza ghall-kawza Il-Pulizija vs. Carmelo Demicoli (Appell Kriminali per Onor. W. Harding, 3 ta' Ottubru, 1953 Vol. XXXVII.IV.1157) fejn il-Qorti riteniet illi: "Ma hemmx dubju illi l-"pedestrian", jew "foot passenger", hu intitolat ghall-ezercizzju ta' "reasonable care" mill-parti ta' drivers, anki meta jinzel mill-bankina u jkun fil-"carriage way" (ara Charlesworth, The Law of Negligence, pp. 93 – 94, 1947 Edition).

Il-fatt, ghalhekk, li l-“pedestrian” ikun fil-“carriage way” ma jezonerax id-driver mill-htija li jolqtu, jekk dan id-driver ma jkunx ezercita “reasonable care”;

Issa, dan jonqos milli jezercita “reasonable care”, jekk, per ezempju, ikun isuq bi speed mhux ragjonevoli, jew ma jkunx qieghed izomm “a proper look-out”, jew ma jdoqqx il-horn meta hu l-kaz li jdoqqu”.

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Marthese Schembri deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta’ Awissu, 1990, dik il-Qorti qalet: “Dak li jikkostitwixxi proper lookout jvarja minn kaz ghal iehor. Imma l-principju generali huwa wiehed. Sewwieq ghandu jkun f’posizzjoni li jirreagixxi ghal azzjoni jew agir sorprendenti li jista’ jitfacca fit-triq. Dan hu dettat mill-prudenza u l-ligi”.

Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Arthur Naudi deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta’ Lulju, 1939, per Onor. W. Harding, dik il-Qorti riteniet illi: “Huwa principju universalment accettat illi n-negligenza ta’ “road user” wiehed ma tiskuzax in-negligenza ta’ “road user” iehor. Id-diligenza li min ikun qieghed isuq vettura ghandu juza ghandha tikkomprendi anki l-adozzjoni ta’ dawk il-mezzi li huma adattati biex jigu evitati l-konsegwenzi tan-negligenza jew l-imprudenza ta’ hadd iehor. Ighid a propozitu t-Terrell fit-trattat tieghu “The Law of Running-Down Cases” pp. 1-2:- “A person therefore, who drives a vehicle on a highway, must always exercise not only care, but also skill. He must observe the ordinary rules of the road, unless a deviation from such rules is necessary to avoid an accident ………… he must keep a proper look-out for pedestrians or other users of the road ………… Even if another user of the road is negligent, he must exercise due skill in trying to avoid the consequences of that negligence. Failure on the part of the driver in any such matter would be a breach of duty on his part, and he would be liable for the damage caused by his negligence”.”

Dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Steve Borg il-Qorti taghmel referenza ghac-Certifikat mediku esebit bhala

Dok. NL5 li jinsab a fol. 15 tal-process, ghad-deposizzjoni ta’ Steve Borg moghtija fis-Seduta tal-11 ta’ Novembru, 2003 u ghall-Verbal tas-Seduta tal-11 ta’ Novembru, 2003 fejn Dr. Edward Gatt ghall-imputat iddikjara li jaqbel illi l-feriti ta’ Steve Borg huma ta’ natura gravi minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni ta’ responsabbilta` u ma jinsistix ghall-produzzjoni ta’ Dr. Allan Drago M.D. li rrilaxxja Dok. NL5 li jinsab a fol. 15 tal-process.

Il-Qorti hi sodisfatta li mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat naqas li jzomm dak il-“proper look-out” necessarju u jiehu l-prekawzjonijiet opportuni sabiex jigi evitat dan l-incident.

Il-fatt li fiz-zona tal-incident isiru t-tlielaq tal-karozzi allura jitilghu numru ta’ nies fuq il-post, hija raguni li fiha innifisha tirrikjedi grad gholi ta’ attenzjoni da parti tad-driver ta’ vettura bil-mutur. Dan fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma ghamlux.

Fl-Istqarrija tal-imputat Dok. NL4, l-imputat, *inter alia*, qal: “Jien kont qed insuq gewwa Hal Far fejn hemm hafna fabbriki u fejn kien hemm ukoll hafna nies u gegwigija u kien hemm zewg karozzi qed isuqu kontra tieghi u hekk kif kont tiela’ bid-dawl taghhom lil persuna li qasam minn nofs ma rajtux u tajjartu”.

Fl-istess Stqarrija, fuq domanda b’kemm velocita` kien ghaddej meta laqat lil persuna bil-vettura li kien qed isuq, l-imputat wiegeb: “Kont qed insuq normali jigifieri madwar hamsin” u fuq domanda ohra u cioe`: “Nghid sew li inti kont qed issuq b’velocita` mghaggla hafna?”, l-imputat wiegeb: “Ma jidhirliex li kont qed insuq hafna”.

Rigward il-kwistjoni tal-velocita` li biha kien ghaddej l-imputat il-Qorti tosserva li skond ix-xhud PS 839 Steven Micallef, li l-vettura nvoluta fl-incident kienet ingabet quddiem l-ghassa u din kellha l-windscreen ta’ quddiem mifqugh (ara deposizzjoni ta’ PS 839 Steven Micallef – Seduta tal-11 ta’ Novembru, 2003 fol. 31 et seq. tal-Process). Inoltre f’dan ir-rigward u dwar id-dinamika tal-incident Steve Borg fis-Seduta tal-11 ta’ Novembru, 2003, *inter alia*, qal: “Nghid li mill-punt fejn jien intlaqatt sal punt

fejn jien spiccajt ma’ l-art nikkonsidra li kien hemm tul qisu ta’ din l-awla.”  In kontro-ezami fl-istess Seduta, l-istess xhud, *inter alia*, qal:  “Nghid li t-triq fejn sehh l-incident hija triq dritta xemgha.  Nikkonferma li konna qed naqsmu t-triq jiena u tfajla.  Nixtieq nghid li meta konna ser naqsmu konna ha naqsmu jien u tfajla, jien kont qabel it-tfajla.  It-tfajla kienet qeghda warajja biswit spallti tax-xellug, korrezzjoni fuq in-naha tax-xellug u cioe ta’ spallti x-xellugija.  Inzid nghid li t-tfajla ma qasmitx u baqghet fuq il-post.  Jien kont harist fit-triq qabel qsamt fuq iz-zewg nahat tat-triq.  Qed nigi mistoqsi mill-avukat difensur kif nista’ nispjega allura jekk jien kif ghidt harist zewg nahat tat-triq u nikkonferma li t-triq hija dritta xemgha kif jien allura ma ndunajtx bil-karozza gejja li eventwalment laqtitni.  Jien nghid li jien kif gejt biex naqsam harist il-fuq lejn in-naha tal-lemin, cert li ma rajt ebda karozza gejja.  Harist ukoll imbaghad fuq in-naha tax-xellug.  Kif rajt ukoll li ma kienux gejjin karozzi hrigt.  Jien nikkonferma li jien il-karozza li tajjritni litteralment ma rajthiex.  Nghid li din it-tfajla Josianne Vella jien kont staqsejtha kif sehh l-incident u jekk kinitx rat il-karozza li tajjritni u hi kienet rrispondietni li din il-karozza kienet ratha.  U hawn hekk nixtieq nippreciza li din it-tfajla lili kienet qaltli li din il-karozza ratha fil-mument li l-karozza kienet laqtet lili.  Nikkonferma li fil-mument li jien bdejt naqsam sakemm sehh l-incident kienu ghaddew sekondi.”  “……………..”

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta’ Josianne Vella moghtija fis-Seduta tal-14 ta’ Jannar, 2004 a fol. 37 et seq tal-Process:

“Jien kont qeghda hemm hekk ma Steve Borg.  Ahna konna ser naqsmu t-triq.  Harisna il-fuq u l-isfel u ma rajniex li kienu gejjin karozzi.  Steve kien qabli qasam u kif harist il-fuq rajtu ma l-art.”  “…………………”  “Nerga’ nghid li jien kont qeghda ma Steve Borg.  Konna ser naqsmu t-triq.  Hu qasam qabli.  Jien imbghad kif harist, jien harist fil-genb lejn in-naha tax-xellug u rajt lil Steve itir wara li dan kien ghadu kif qalgha daqqa ta’ karozza.”  “……………………..”  “Iz-zona kienet fid-dlam.  Ma nafx jekk il-karozza li laqtet lil Steve Borg kellhiex il-fanali mixghulin.”  “…………………”  “Il-hin li jien rajt lil Steve

Borg jintlaqat u jtir mill-karozza smajt il-break tal-karozza.” - (Il-Qorti hawn tirrimarka li evidentement rigward il-kelma “break” din hi zball tat-traskrittrici ghax il-kelma korretta ghandha tkun “brake”).

Fil-kontro-ezami tal-istess xhud li sar fl-istess Seduta, din ix-xhud, inter alia, qalet: “…………………………………………” “Nixtieq naghmel korrezzjoni f’dak li ghidt fis-sens illi jien kont smajt break, dort lejn in-naha tax-xellug u rajt lil Steve Borg. L-impatt tal-karozza ma Steve Borg ma rajthiex.” “………………………” “Nghid li jien u Steve Borg konna ddecidejna li naqsmu. Steve Borg qasam pero jien ma qsamtx ghax jien kont indunajt li gejja karozza u ghal hekk jiena ma qsamtx.” (Dwar il-kelma “break” ara rimarka tal-Qorti iktar ‘il fuq f’din is-Sentenza).

In ri-ezami tal-istess xhud, fl-istess Seduta, ix-xhud Josienne Vella *inter alia*, qalet: “Nghid jien il-karozza kont rajtha gejja min-naha tal-lemin tieghi. Jien imbghad lil Steve Borg rajtu jtir meta jien harist lejn in-naha tax-xellug. Nghid li l-karozza kienet gejja min-naha tal-lemin. Nghid bhala speed jien il-karozza rajtha gejja bi speed normali. Nghid li jien meta ndunajt l-ewwel darba bil-karozza fuq in-naha li kienet gejja min naha tal-lemin, id-distanza kienet qisha tul ta’ din l-awla u jien ghal hekk ma qsamt. Nghid Steve dak il-hin li jien rajt il-karozza gejja kien qieghed xi pied quddiemi. Bhala fatt lil Steve ma ghidtlux biex ma jaqsamx dak il-hin. Jien dak il-hin kont qeghda ninnota l-karozza gejja. Nghid fil-fatt jien dak il-hin ma bsartx li Steve ser jaqbad u jaqsam. Jien lil Steve rajtu jinqata ma’ l-art u jistabat ma l-art. Nghid bhala ammont ta’ kemm ghola Steve mill-art kien qisu qabez is-saqaf tal-karozza. Nghid li jien waqt li Steve kien qed joghla il-karozza rajtha hdejh u ghal hekk ikkalkulajt li hu qabez l-gholi tas-saqaf tal-karozza.” “………………………” “Nghid jien il-kalkolu ta’ l-ispeed tal-karozza meta rajtha gejja min-naha tal-lemin nghid li ghalija kien normali u nikkalkula li kien bi speed ta’ cirka 50 km/h/” “………………………………..”

Ghalkemm mid-deposizzjoni tax-xhud Josianne Vella jemergu indikazzjonijiet li Steve Borg setgha ikkontribwixxa ghall-incident, u inoltre iddikjarat li ghaliha l-ispeed tal-karozza kien normali, il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni moghtija minn din ix-xhud ma tezonerax lill-imputat mill-htija ta’ dan l-incident, anzi tkompli tikkonvinci l-Qorti li l-imputat naqas li jzomm dak il-“proper look-out” necessarju u jiehu l-prekawzjonijiet opportuni sabiex dan l-incident seta’ jigi evitat.

Inoltre dwar il-versjoni li l-imputat kien ta lill-Pulizija (ara Deposizzjoni tal-Ispettur Nadia Lanzon moghtija fis-Seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2003 fol. 8 et seq tal-process) u cioe` li hu kien ghaddej minn Hal Far fi triqtu lejn Hal-Luqa u kif ghaddej f’Hal Far kien hemm zewg vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta u ghal hin qasir spicca blinded u ghal hekk ma setghax jara u ghal hekk ma nnutax lill-vittma jaqsam quddiemu u tajru, (ara wkoll Stqarrija tal-imputat Dok. NL4 a fol. 13 et seq tal-process), hu sinifikattiv il-fatt li x-xhud Josianne Vella fid-deposizzjoni taghha hawn fuq estensivament citata qalet: “Harisna il-fuq u l-isfel u ma rajniex li kienu gejjin karozzi (sottolinjar tal-Qorti). F’dan ir-rigward issir ukoll referenza ghad-deposizzjoni ta’ Steve Borg, moghtija fis-Seduta tal-11 ta’ Novembru, 2003, fejn dan, *inter alia*, in kontro-ezami, qal: “Jien nghid li jien kif gejt biex naqsam harist il-fuq lejn in-naha tal-lemin, cert li ma rajt ebda karozza gejja. Harist ukoll imbaghad fuq in-naha tax-xellug. Kif rajt ukoll li ma kienux gejjin karozzi hrigt.” L-istess xhud fid-deposizzjoni moghtija fl-istess Seduta, *inter alia*, qal: “Nghid l-imputat lili kien qalli li kien tajjarni hu. Jien u l-imputat tkellimna dwar l-incident u dan qalli li hu ma kienx rani lili u imbghad rani f’daqqa wahda” (sottolinjar tal-Qorti).

Ghaldaqstant dwar din il-kwistjoni tal-“blinding” il-Qorti hi tal-fehma li din giet eskluza mid-depozizzjonijiet ta’ Steve Borg u Josianne Vella. Fi triq, kif deskritta minn Steve Borg, bhala dritta xemgha, il-Qorti tistaqsi allura kif l-imputat ma ndunax bi Steve Borg f’hin sufficjenti biex ma jtajrux?

Mid-depozizzjonijiet tax-xhieda Steve Borg u Josianne Vella jemergu dubji serji kemm fil-fatt l-imputat kellu d-dawl tal-karrozza mixghul, u dan meta wiehed iqis id-dlam li kien hemm fil-post fil-hin ta’ l-incident! Il-hsara fuq il-karozza misjuqa mill-imputat flimkien mal-mod kif ghola Steve Borg mad-daqqa u d-distanza li l-istess Steve Borg isemmi li spicca fl-art wara l-impatt huma indikaturi li l-imputat kien qed isuq b’certa velocita`. Il-mument li nstema’ l-hoss tal-“brake” minn Josianne Vella jindika kemm fil-fatt l-imputat ma kienx qed izomm “proper look-out”. Il-Qorti tistaqsi wkoll l-ghala certu Stephen li joqghod Sta. Venera li kien passiggier fil-karrozza ta’ l-imputat u li skond l-istess imputat fl-Istqarrija tieghu dana Stephen kien ghadu mieghu fil-hin ta’ l-incident, ma ttellax bhala xhud? L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nadia Lanzon fid-depozizzjoni taghha tat-2 ta’ Ottubru, 2003 *inter alia* tghid: “Godwin Sant zied jghid li dak il-hin kellu mieghu riekeb lil certu Stephen minn Sta. Venera pero` ma setax jaghtina aktar informazzjoni dwar din il-persuna”. Possibbli li l-imputat li mar barra minn triqtu biex iwassal lil dan Stephen ghall-karrozza tieghu ma jafx bizzejjed informazzjoni biex seta’ jigi intraccjat dan ix-xhud?

Fid-dawl tal-provi prodotti u konfortata bl-insenjamenti tal-gurisprudenza nostrana hawn fuq riferita, il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat tirrizulta.

Rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Issib lill-imputat Godwin Sant hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Godwin Sant ghall-piena ta’ tliet (3) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn millum l-imputat Godwin Sant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza, tiddikjara li din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fis-Seduta tat-2 t'Ottubru, 2003.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 30(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-imputat Godwin Sant milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet (3) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Godwin Sant l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------